MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2012

Avviz Numru. 352/2012

**Strand Palace Agencies Limited**

**vs**

**MK Leisure Limited**
**(C 36713)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar id-19 ta’ Ottubru 2012 fejn is-socjeta attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta’ ghaxar t’elef, disa mija u erbgha u tmenin Euro u erbgha u disghin centezmu (€10,984.94) rapprezentanti merkanzija mibjugha u kkonsenjata izda mhux imhallsa.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-Mandat ta’ Sekwestru 2857/12 ipprezentat kontestwalment u bl-imghax mit-8 ta’ Mejju

2012 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta intimata li hija ingunta in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz propjru gie notifikat lis-socjeta’ konvenuta fl 10 ta’ Ottubru 2012 u dan skond ir-riferti pozittivi tal-Purtier Saviour Buttigieg datata 6 ta’ Novembru 2012 (tergo fol 4).

Illi fis-seduta tas-26 ta’ Novembru, 2012, giet ipprezentata nota ta’ riduzzjoni mill-ammont rikjest ghal erbgha mija u tlieta u ghoxrin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€423.74) kif ukoll l-istess socjeta’ attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta.

Rat illi fis-seduta tat-3 ta’ Dicembru, 2012 is-socjeta konvenuta giet imsejjha izda ma deher hadd, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba ta’ l-istess socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ridotta ta’ erba mija u tlieta u ghoxrin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€423.74) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez w bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta konvenuta kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------